MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 265/2011

**Darren Paul Degabriele**

**Vs**

**Jerken Decelis**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' disat elef u hames mitt ewro (Ewro 9,500) rapprezentanti danni pre likwidati, sofferti mir-rikorrent, ai termini ta' skrittura ffirmata bejn il-partijiet, datata 29 ta' April, 2009, (Dokument A), bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) mill-istess data, u li liema ammont huwa baqa' ma hallasx, ghalkemm debitament interpellat ghal hlas tal-istess, permezz ta' ittra ufficjali datata .... (sic) ta' Gunju, 2011.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-konvenut Jerken Decelis:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura tad-29 t'April, 2009 hija bbazata fuq illegalita, kif se tigi pprovata fil-kors tal-kawza.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut kien hallas elf mitejn u hamsin Euro lill-attur a bazi ta' din l-iskrittura.
3. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti, u li huma relevanti ghal fini tal-ewwel eccezzjoni huma s-segwenti:

1. Fid-29 t'April 2009, il-konvenut kien iffirma skrittura privata fejn ikkostitwixxa ruhu debitur versu l-attur fl-ammont ta' €9,500.00, u dan peress li l-konvenut ikkawza hsarat fil-vettura numru DRN-579 tal-marka Toyota MRS.
2. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut ammetta li l-attur kien sellfu l-vettura imsemmija sabiex imur jaghmel qadja, u waqt li kien qed isuq habat bil-karozza u l-hsara kienet konsiderevoli.
3. Skont il-verzjoni tal-konvenut, hu ikkuntattja lill-attur fejn infurmah bl-incident u li hu, cioe il-konvenut, ma kellux licenzja tas-sewqan. L-attur qallu li hu kien se jghid lill-Gwardjani Lokali li kien hu li qed isuq u fil-fatt mar fuq il-post fejn sar l-incident u kellem lill-Gwardjani.
4. Skont il-konvenut, xi granet wara l-attur talbu €650 ghal *excess* tal-assigurazzjoni, u l-konvenut tahomlu. Sussegwentement, l-attur qallu li l-assigurazzjoni kienet se thallas l-hsarat tat-terzi biss, u li l-konvenut kellu jhallsu tal-hsarat tal-vettura tieghu.
5. Skont il-konvenut kien ghalhekk, li l-attur hadu ghand l-avukat tieghu fejn iffirma l-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante *"li hija bbazata fuq illegalita"*. Min-naha tieghu, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-attur issottometta illi l-validita tal-iskrittura ma tistax tigi attakkata permezz ta' eccezzjoni, izda trid issir kawza *ad hoc.*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut issottometta li l-konvenut hekk *"m'ahniex qed nghidu li l-iskrittura hija llecita jew xi haga. Qed nghidu t-transazzjoni hija llecita li hemm differenza bejn l-iskrittura li hija llecita u t-transazzjoni hija llecita."*. Minn dak li setghet tifhem il-Qorti, il-konvenut qed jallega li t-transazzjoni hija llecita ghaliex l-attur ma kienx is-sewwieq meta saret il-habta, imma l-konvenut kien qed isuq. Dan nonostante, l-attur insista li jiddikjara li hu kien is-sewwieq biex jiehu kumpens minghand is-socjeta assiguratrici.

Il-Qorti tibda biex tosserva fl-ewwel lok li fir-risposta tieghu, il-konvenut jghid b'mod car li *l-iskrittura hija ibbazata fuq illegalita*, u ghalhekk huwa qed jattakka l-validita tal-iskrittura, ghalkemm ma jispecifikax ghaliex. Din il-Qorti ma tarax li hemm differenza fis-sustanza bejn li wiehed jghid li t-

transazzjoni hija llecita u li l-iskrittura hija llecita, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, it-transazzjoni immanifestat ruhha b'mod konkret fl-iskrittura in kwistjoni, u allura jekk it-transazzjoni hija illecita anke l-iskrittura hija illecita. Pero fi kwalunkwe kaz, kif diga inghad, fir-risposta tieghu, l-konvenut attakka l-legalita tal-iskrittura.

Issa ir-raguni li ta l-konvenut ghalfejn skont hu l-iskrittura hija illegali mhix wahda minn dawk ic-cirkostanzi fejn il-ligi espressament tippronunzja in-nullita. Fis-sentenza **L-Avukat Dottor Louis Pantaleone vs. Direttur tal-Lottu Pubbliku**, deciza fit-8 ta' Mejju 2001, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk *"Issa meta n-nullita ma tkunx espressament pronunzjata mil-ligi, u ghalhekk ma tavverrax ruhha ipso iure, dik in-nullita trid tigi proposta b'azzjoni u mhux b'eccezzjoni … … "Meta n-nullita ma tkunx espressament pronunzjata mil-ligi, jigifieri ipso iure, imma biex tigi maghrufa ikun hemm bzonn ta' ezami serju u b'konjizzjoni ta' kawza, u dan b'intervent tal-Qorti, l-istess nullita trid tigi proposta b'azzjoni u mhux b'eccezzjoni (Prim'Awla 15 ta' Marzu 1876, "Agius vs. Frendo", Collez. Vol. VII, p. 549)."*

Mis-suespost huwa car li l-konvenut ma setghax jissolleva l-allegata illegalita tal-iskrittura in kwistjoni *per via di eccezione.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija inammessibbli u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

# < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------